32005R2029

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2029/2005

tat-13 ta' Diċembru 2005

li jiftaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni fil-Komunità Ewropea ta' ċerti oġġetti min-Norveġja li ġejjin minn prodotti agrikoli pproċessati inklużi fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/859/KE tal-25 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-Protokoll 2 tal-Ftehim Bilaterali għall-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

(1) Il-Ftehim, fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-Protokoll 2 tal-Ftehim Bilaterali għall-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja jistabbilixxi f'punt III il-kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' xi oġġetti min-Norveġja. Jinħtieġ li dawn il-kwoti jinfetħu għall-2006.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komuni [3], jistabbilixxi r-regoli għat-tmexxija tal-kwoti tariffarji. Huwa xieraq li jiġi pprovdut li l-kwoti tariffarji miftuħa minn dan ir-Regolament jitmexxew skond dawn ir-regoli.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija għall-mistoqsijiet orizzontali dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli ipproċessati li mhumiex elenkati fl-Anness I,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tariffarji tal-Komunità għall-oġġetti li ġejjin min-Norveġja li huma mniżżla fl-Anness II għandhom jinfetħu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2006.

Artikolu 2

Il-kwota tariffarja tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 1 se titmexxa mill-Kummissjoni skond l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-13 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Günter VERHEUGEN
Viċi-President

---

[1] ĠU L 318, tat-20.12.1993, p. 18. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2580/2000 (ĠU L 298, 25.11.2000, p. 5).

[2] ĠU L 370, tat-17.12.2004, p. 70.

[3] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 883/2005 (ĠU L 148, tal-11.6.2005, p. 5).

ANNESS

Kwoti tariffarji annwali applikabbli ma' l-importazzjoni fil-Komunità ta' oġġetti li ġejjin min-Norveġja

Numru ta' l-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwota annwali tal-volum mill-1.1.2006	Rata tad-dazju applikabbli fil-limiti tal-kwota
09.0765	1517 10 90	Marġerina, minbarra l-marġerina likwida, li fiha, bl-użin, aktar minn 10 % ta' xaħam tal-ħalib	2 470 tunnellati	B'xejn
09.0771	ex 2207 10 00 (Kodiċi TARIC 90)	Alkoħol etiliku żnaturat b'qawwa alkoħolika ta' volum ta' 80 % jew oġħla, li mhuwiex dak li jiġi mill-prodotti agrikoli mniżżla fl-Anness I tat-Trattat tal-KEE	164 000 ettolitri	B'xejn
09.0772	ex 2207 20 00 (Kodiċi TARIC 90)	Alkoħol etiliku u spirti oħra, żnaturati, ta' kull tip ta' qawwa, li mhuwiex dak li jiġi mill-prodotti agrikoli mniżżla fl-Anness I tat-Trattat tal-KEE	14 340 ettolitri	B'xejn
09.0774	2403 10	Tabakk għat-tipjip, kemm jekk għandu jew m'għandux sostituti tat-tabakk f'liema proporzjon ikun	370 tunnellati	B'xejn